MALTA

# COURT OF MAGISTRATES (MALTA)

**MAGISTRATE DR.**
**SILVIO MELI**

Sitting of the 26 th April, 2005

Avviz Number. 117/2005

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Joseph Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Marzu tas-sena 2005 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejjhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tmien mija u tmienja u hamsin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (LM2,858.88,0), bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Credit Card Loan Accounts" ta' Joseph Agius mal-Bank of Valletta p.l.c., (Dok. "A1 u A2" u "B"), flimkien

ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Frar tas-sena 2005 sal-jum tal-pagament effettiv, liema "Loan u Credit Card Loan Accounts" gew moghtija lill-konvenut permezz ta' zewg skritturi privati datati 25 ta' Ottubru tas-sena 2000 u 10 ta' Gunju tas-sena 2003, (Dok. "C" u "D");

2. U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati u cioe dok. "C" u "D" parikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Joseph Agius :

a. naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, u

b. kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew

c. hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;

3. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 13 ta' April tas-sena 2004, (Dok. "E"), u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-konvenut datata d-9 ta' Marzu tas-sena 2005 li permezz taghha " …ammetta inkondizjonatament it-talbiet tal-Bank attur…", (ara fol 15);

Ghaldaqstant, din il-qorti takkolji t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fl-avviz fuq riprodott u tikkundanna lill-konvenut Joseph Agius biex ihallas li-socjeta' attrici, senjatament Bank of Valletta p.l.c., l-ammont ta' elfejn tmien mija u

tmienja u hamsin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu, (LM2,858.00,0), bl-ispejjez kif mitluba fl-istess avviz promotur.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Final Judgement >**

---------------------------------END---------------------------------